MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 9/2000/2

**Francis u Mary konjugi Attard**

**v.**

**Joseph Grech**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tat-22 ta' Novembru 2006 li biha dik il-Qorti cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.

L-atturi (illum appellanti) kienu pprezentaw citazzjoni fejn ippremettew u talbu hekk:
“Illi fis-sitta (6) ta' Marzu elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) l-attur Francis Attard safa gravament ferut waqt illi kien qed jagħmel xogħol ta' bajjad f'fond fi Triq Wistin Camilleri, Victoria, Għawdex, proprjeta` ta' Joe Attard;

“Illi l-attur Francis Attard weġġa meta waqt ix-xoghol tiegħu kien miexi fuq armar li intrema' fl-imsemmi fond mill-konvenut;

“Illi l-imsemmi armar ma sarx skond l-arti u s-sengħa tant li ċeda meta kien qed jintuża mill-attur u konsegwenza ta' dan seħħ l-inċident illi fih safa gravament ferut l-attur wara li waqa' għoli ta' madwar sular;

“Illi kawża ta' l-inċident hawn fuq imsemmi l-attur sofra feriti gravissimi f'ġismu li ħallewh ibati minn debilita` permanenti kif sejjer jirriżulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

“Illi kawża tal-feriti li ġarrab fl-imsemmi inċident, l-attur qatt ma reġa' attenda għax-xogħol u lanqas jista' qatt jerġa' jeżerċita l-professjoni li kellu jew jagħmel kwalunkwe xogħol ieħor;

“Illi dan kollu qiegħed jikkaġuna danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti lill-atturi;

“Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, huwa baqa' inadempjenti;

“Illi l-atturi jridu illi jiġu kumpensati ta' dawn id-danni.

“Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara lilek konvenut unikament responsabbli għall-inċident li sofra l-attur Francis Attard fis-sitta (6) ta' Marzu elf disa' mija disgħa u disgħin (1999);

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsitu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

"3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni kif likwidati."

Il-konvenut ipprezenta nota ta' l-eccezzjoniiet (fol. 8) fejn eccepixxa:-

"1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-esponenti b'ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident *di quo agitur*.

"2. Illi l-armar imsemmi fiċ-ċitazzjoni ma sarx mill-konvenut iżda minn ħaddiema ossija impjegati tiegħu liema ħaddiema huma tas-sengħa u kompetenti fix-xogħol tagħhom u huwa ma hux tenut iwieġeb għall-aġir tagħhom.

"3. Illi l-armar kien intiż biss bħala forma għal taraġ tal-*concrete* li kellu jsir u effettivament kienet għadha tlestiet biss il-parti oriżżontali. Dan l-armar ma kienx intiż sabiex iservi ta' passaġġ għall-attur.

"4. Illi jekk l-attur għadda minn fuq dan l-armar dan sar ad insaputa u mingħajr il-kunsens ta' l-esponenti u konsegwentement m'għandux iwieġeb għall-inċident u għad-danni konsegwentement sofferti mill-atturi."

## **Decizjoni ta' l-ewwel Qorti**

L-ewwel Qorti waslet ghas-segwenti konkluzzjoni:

"Dan kollu jwassal lil din il-Qorti għall-konvinċiment illi għal dan l-inċident sfortunat ma jaħti ħadd ħlief l-attur innifsu. Kien hu li minn jeddu għażel li jieħu r-riskju li jutilizza l-armar mhux komplut tal-konvenut biex jeċċedi [recte: jaccedi] għall-bejt tal-fond fejn kien qed jaħdem. Bħala bniedem tal-mestier kien jaf, jew ta' l-inqas seta' jobsor illi dak l-armar ma kienx intenzjonat li jgħaddu n-nies minn

fuqu, speċjalment meta kien evidenti illi ma kienx għadu lest u anqas mirfud. Anqas tista' tiġi mputata xi ħtija kontributorja fil-konvenut għal dak li ġara. Il-konvenut ma kienx bl-ebda mod negliġenti fix-xogħol tiegħu. L-armar kien inkomplut għax ix-xita żammet lill-ħaddiema tiegħu milli jlestuh, u peress illi qatt ma kien intenzjonat bħala aċċess, lanqas ma kien hemm għalfejn javża biex ħadd ma jgħaddi minn fuqu."

Il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghal-ligi applikabbili ghal-kaz in dezamina u wara li elenkat il-fatti kif irrizultaw, hekk immotivat is-sentenza taghha dwar ir-responsablita` ghall-incident:

"L-attur jikkontendi illi għal dan l-inċident jaħti l-konvenut għaliex l-armar li minn fuqu waqa' kien intrema minnu. Il-konvenut da parti tiegħu jiċħad kwalunkwe responsabilita` għal dan l-inċident, l-ewwelnett għax l-armar ma sarx minnu personalment, imma minn impjegati tiegħu, li kienu kompetenti biżżejjed għal dan ix-xogħol. Imbagħad ukoll għax fi kwalunkwe każ, dan l-armar ma kienx intiż sabiex jgħaddu minn fuqu in-nies, imma sempliċement sabiex iservi ta' bażi għat-tqegħid tal-konkos biex jiġi ffurmat it-tarag fil-fond fejn kienu qed jaħdmu. Infatti din hija s-sustanza tal-eċċezzjonijiet tiegħu .

"Huwa prinċipju bażiliari tal-proċedura illi l-piż tal-prova tal-fatti allegati li fuqhom qed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu huwa ta' l-attur, u jispetta biss lill-konvenut li jirribatti dawn il-provi bi provi kuntrarji . "**Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah**." [1] Ġie mgħallem mill-**Mattirolo** f'dan ir-rigward illi:

"*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che* ***'semper onus probandi ei incumbit qui dicit'****, ossia che* ***'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit****.' In verita', il principio di egualianza civile, che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita' di trattamento assicurata alle parti, non permette che si*

[1] art. 562 tal-Kap. 12 .

*presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti. Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto; e l'autorita' giudicante dee pronunizare* ***juxta allegata et probata …..*** *"* [2]

"Fil-każ in eżami l-attur qiegħed jitfa' l-ħtija għal dak li ġara fuq il-konvenut, għax l-armar li minn fuqu huwa waqa' kien tiegħu. Huwa jikkontendi illi dan l-armar ma kienx mibni sewwa, skond is-sengħa u l-arti, u minflok injam mastizz intuża materjal sekondarju konsistenti f'kompożizzjoni (*chipboard* tal-*melamine*) li ma kienx jiflah għal piż ta' bniedem fuqu. Huwa għadda minn fuqu għax ma kienx hemm aċċess ieħor għall-bejt fejn kien qed jaħdem. Sostna wkoll illi jekk dan l-armar kien ta' perikolu, l-konvenut messu qallu jew ta' l-inqas ħalla xi sinjali biex ħadd ma jgħaddi minn fuqu .

"Min-naħa l-oħra rriżulta tassew illi l-armar in kwistjoni ma kienx sar mill-konvenut, imma mill-ħaddiema tiegħu. Huwa kien immarkalhom biss fejn kellu jiġi t-taraġ, iżda x-xogħol proprju ta' l-armar sar minn dawn il-ħaddiema, li kienu mdorrijin jagħmlu xogħol simili, u kien ilhom jagħmluh għal diversi snin. Il-konvenut jikkontendi għalhekk illi ġialadarba huwa inkariga nies kompetenti biex jagħmlu dan l-armar, u ma ġiet ippruvata ebda *culpa in eligendo,* ma kellux japplika l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jittratta l-*vicarious liability* ta' *employer* għall-għemil ta' l-impjegati nkompetenti tiegħu, u allura *se mai* l-attur kellu jħarrek lil dawn l-impjegati u mhux lilu .

"Madanakollu jsostni wkoll, illi anke kieku kellu b'xi mod jinżamm responsabbli għax-xogħol imwettaq minn dawn il-ħaddiema, xorta waħda l-ħtija għall-inċident mertu ta' din il-kawża ma tistax tiġi mputata lilu . Dan għaliex :

*"(i)* ***l-armar ma kienx għadu lest***: infatti rriżulta illi l-impjegati tal-konvenut ma setgħux ikomplu bix-xogħol ta' l-armar tat-taraġ billi kienet għada kemm

[2] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano vol. III 5ta ed. para. 465, 467, 468, 471 pag. 380 – 382 .

għamlet ix-xita. Sew minn dak li rriżulta lill-perit tekniku li kien aċċeda fuq il-post fejn ġara l-inċident fl-okkażżjoni ta' l-inkjesta relattiva, u anke minn dak li xeħdu l-impjegati tal-konvenut sabiex ikun lest għat-tqegħid tal-konkos, dan l-armar kien jonqsu it-takki biex jiġi ffurmat it-taraġ, ix-xbieki tal-ħadid u l-ġakkijiet minn taħt għall-irfid. Dawn il-ħwejjeġ kienu mbagħad jirrendu l-armar ferm iżjed b'saħħtu ;

*"(ii)* ***l-armar ma kienx intenzjonat li jintuża bħala passaġġ***: dan l-armar kellu jservi bħala forma sabiex isir it-taraġ tal-*concrete* fil-kaxxa tat-taraġ tal-fond fejn sehh l-inċident. Il-konvenut jew aħjar il-ħaddiema tiegħu ma bnewhx biex minn fuqu jkun hemm aċċess għas-sular ta' fuq. Ġie allegat mill-impjegati tal-konvenut illi huma ndunaw illi l-attur u n-nies li kellu miegħu kienu qed jitilgħu fuq permezz ta' dan l-armar, u avżawhom illi dan ma kienx sod biżżejjed, imma ma tawx każ tagħhom. L-attur dan jiċħdu, imma bħala persuna ta' ċertu esperjenza fix-xogħol tal-bini, dan kellu jinduna illi l-armar kif kien ma kienx sod biżżejjed biex jiflaħ l-irġiel telgħin u neżlin minn fuqu, ġieli anke mgħobbijin bl-għodod jew materjal ieħor;

*"(iii)* ***parti mill-armar kien iffurmat minn chipboard:*** l-attur isemmi dan il-fatt bħala fattur li jikkontribwixxi għall-ħtija tal-konvenut. Imma fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt kien iżjed messu żamm lill-attur lura milli juża l-armar biex jaċċedi, forsi b'mod aktar konvenjenti għalih għas-sular ta' fuq. Ma tridx tkun wieħed tas-sengħa biex tirrejalizża illi ċ-*chipboard* mhux materjal b'saħħtu biżżejjed li jiflah il-piż ta' bniedem tiela u nieżel fuqu, speċjalment bħal ma ġara fil-każ in eżami, jekk dan il-materjal ikun ġie espost għall-ilma tax-xita;

*"(iv)* ***minkejja kollox, l-attur għażel li jieħu r-riskju u juża dan l-armar***: Huwa minnu illi ma kienx hemm aċċess ieħor għal fuq il-bejt, fejn l-attur ħtieġlu jitla' biex jagħmel l-armar tiegħu ħalli jiddendel mal-ħajt diviżorju, sabiex ikun jista' jkaħħlu minn barra. Imma jekk ma kienx hemm dan l-aċċess disponibbli, l-attur kellu żewġ għażliet: (a) jew jistenna sakemm titlesta l-kaxxa tat-

taraġ u jkollu aċċess liberu għal fuq il-bejt; inkella (b) jagħmel l-armar tiegħu minn barra permezz ta' *scafolding* u slielem u jevita għal kollox li juża l-armar ta' ħaddiehor li, kif ġia` spjegat, ma kien qatt intiż biex jgħaddu n-nies minn fuqu. Dan l-aġir ta' l-attur iġib l-applikazjoni tal-massima ***'volenti not fit injuria'*** fis-sens illi min ikun jista' jipprevedi li jkun qed jieħu riskju billi jagħmel xi ħaga, "*freely and voluntarily with full knowledge of the nature and extent of the risk he ran,"* [3] iżda jieħu dan ir-riskju xorta waħda, huwa ma jistax imbagħad jitfa' l-ħtija fuq ħaddieħor jekk ibati l-konsegwenzi bl-azzjoni tiegħu stess. Kif intqal f'sitwazzjoni pjuttost simili għal dik preżenti:

" … *il-qorti hija tal-fehma illi l-inċident seħħ għax l-attur mar fejn ebda bniedem bil-għaqal ma għandu jmur. L-istat tal-moll kif jidher fir-ritratti jitkellem waħdu u juri ċar il-perikolu gravi li tidħol fih jekk tmur timxi fuqu, aktar u aktar jekk taqbeż fuq il-ġebliet bħal ma għamel l-attur . Meta tmur tfittex il-perikolu ma tistax twaħħal f'ħaddiehor jekk iġġarrab xi ħsara; dan huwa każ fejn* ***volenti non fit injuria*** *. Lanqas jista' jingħad, kif tgħid iċ-ċitazzjoni, illi l-konvenuti naqsu li jassikuraw is-sigurta' ta' min jinqeda bil-moll, għax ma tistax raġonevolment tistenna illi l-konvenuti jobsru illi xi ħadd sejjer jinqeda bil-moll kif inqeda bih l-attur*". [4]"

## **Appell**

L-atturi appellaw minn dina s-sentenza u ressqu l-aggravji li gejjin, li bazikament jirrigwardaw l-ilment principali taghhom li l-armar ma sarx skond is-sengha u l-arti, li thalla wahdu mikxuf u mhux maghluq, u minghajr avviz tal-konsegwenzi li setghu jissucciedu bl-uzu tieghu.

L-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u dana peress illi ghalkemm l-armar li ntrema sar b'mod hazin u la darba ma' dan l-armar ma kien hemm ebda avviz li wiehed ma kellux

---

[3] Charlesworth (On Negligence) 5th ed. p. 364 .
[4] Prim'Awla : Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta : 7.12.2004
.

ighaddi minn fuqu, b'hekk bl-ghemil tieghu l-konvenut pogga f'perikolu lil kull min seta' ghadda minn fuqu, izda l-Qorti xorta wahda sabet li l-konvenut ma kellu ebda htija.

L-appellanti ma jaqblux li l-armar ma kienx intiz ukoll biex iservi ta' passagg ghalih kif hemm fit-tielet eccezzjoni ta' l-appellat.

Aggravju iehor hu li mill-fatti kif gew pruvati mill-appellanti, l-appellat ma qabbadx nies kompetenti biex jaghmlu l-armar tant li gie pruvat li dan ma kienx skond is-sengha u l-arti.

**Risposta ta' l-appellat**

L-appellat wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata. Hu jsostni li l-appell jikkonsisti biss f'talba ghar-riapprezzament ta' dak li diga` gie diskuss ampjament quddiem l-ewwel Qorti. Il-kwistjoni dwar jekk l-armar kienx skond is-sengha u l-art hu rrilevanti a fini ta' dana l-appell. Dwar il-kwistjoni li ma kienx thalla ebda avviz ma' l-armar fis-sens li kien hemm il-perikolu, l-appellat wiegeb li l-armar ma kienx ghadu komplut u ma kienx jikkonsisti f'tarag jew mezz ta' passagg. Inoltre l-appellat jallega li l-appellant Francis Attard kien gie mwissi mill-haddiema tieghu biex ma jghaddix minn fuq l-armar taghhom u l-appellant kellu armar tieghu u anke post iehor minn fejn ighaddi. Finalment l-appellat ighid li hu kien qabbad nies tas-sengha u kompetenti u l-armar li kien sar sew.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Kif jidher mill-appell kif ukoll mir-risposta ta' l-appelat dina l-Qorti qeghda tigi mitluba biex taghmel riapprezzament ta' dak li diga` gie diskuss quddiem l-ewwel Qorti billi l-appellanti qed jikkontendu li l-ewwel Qorti messha sabet li fuq il-fatti li rrizultawlha kellha tinstab htija fil-konfront ta' l-appellat.

Bhala norma l-Qorti ta' l-appell ma tiddisturbax d-decizjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun bazata fuq semplici

apprezzament ta’ provi li jingiebu quddiemha. B’dana kollu, kemm-il darba jirrizulta li tali apprezzament tal-provi, mehud ukoll fil-kuntest tal-vertenza proprja, ma jkunx ekwu din il-Qorti hija fid-dmir li tvarja d-decizjoni tal-ewwel Qorti sabiex b’hekk issir gustizzja.

Bhala fatti rrizulta lill-ewwel Qorti li l-appellant (allura attur) kien waqa' għoli ta' bejn tmienja jew disa' filati meta nqasmet bih pjanċa taċ-*chipboard* li kienet tifforma parti mill-armar intiz għall-għoti ta' konkos biex jiġi ffurmat taraġ fil-fond in kwistjoni li kien għadu fi stat ta' kostruzzjoni. B’konsegwenza tal-waqgha l-appellant sofra debilita` permanenti. Meta sehh l-incident l-appellant kien qed jagħmel xogħol ta' bajjad u ta’ tikħil, filwaqt illi l-appellat kien inkarigat biex jagħmel ix-xogħol tal-konkos fl-istess fond.  L-appalt ta' l-appellant u dak ta’ l-appellat kienu separati u ma kien hemm ebda ko-ordinazzjoni fix-xogħol rispettiv tagħhom. Meta ġara l-inċident, l-appellant kien qed ikaħħal il-ħajt diviżorju ta' dan il-fond, waqt li l-appellat u l-ħaddiema tiegħu ma kienux fuq il-post billi kienet għamlet ix-xita u ma setgħux ikomplu bix-xogħol tagħhom.

L-appellanti qed jissottomettu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha, u li din ghalhekk kellha ssib li l-incident gara tort ta’ l-appellat, u dana billi li l-armar biex isir it-tarag bil-*concrete* ma sarx skond is-sengha u l-arti u li dan kien thalla wahdu mikxuf u mhux maghluq u minghajr avviz dwar il-perikolu li kien hemm.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq il-fatti principali li wasslu biex jigri dana l-incident. L-appellant kien niezel minn fuq il-bejt biex imur jiekol, ghadda minn fuq it-tarag u wahda minnhom infaqghet bih, u waqa’ l-isfel.

L-appellant jikkontendi li xi njam uzat f’parti mill-armar tat-tarag kien tac-*chipbord* li mhux injam b’sahhtu bizzejjed daqs dak li normalment jintuza meta jkunu qed jaghmlu tarag jew bjut. Skond l-appellant l-injam li solitu jintuza hu wiehed mastizz.

Inoltre l-appellant jirritjeni li min ipprepara dana l-armar, meta spicca mix-xoghol, telaq bla ma halla ebda sinjal biex jindika li x-xoghol ma kienx ghadu lest u li kien hemm il-perikolu.

F’dan ir-rigward dina l-Qorti ezaminat il-provi traskritti biex tara jekk l-ewwel Qorti setghatx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Hi l-fehma ta’ dina l-Qorti li l-fatt li kien intuza c-*chipbord* f’parti mit-tarag, u cioe` f’dik il-parti li nfaqghet bl-appellant meta dan ghadda minn fuqha (ghalkemm kien hemm partijiet ohra bic-*chipboard* li ghaddha minn fuqhom izda ma faqqawx) mhux determinanti ghalbiex tigi stabbilita l-htija. Illi parti mill-armar ceda mhux ghax kien hemm xi njam tac-*chipboard* imma ghax l-armar ma kienx ghadu lest u assodat. Kien ghad jonqos li jsiru diversi affarijiet, fosthom it-takki biex jiġi ffurmat it-taraġ, ix-xbieki tal-ħadid u l-ġakkijiet minn taħt għall-irfid.  Dawn il-ħwejjeġ kienu mbagħad jirrendu l-armar ferm iżjed b'saħħtu ghax kien ikun komplut, kif fil-fatt gara <u>wara</u> l-incident.

Il-Perit Guido Vella, li kien wiehed mill-esperti nominat mill-Magistrat inkwierenti, meta dan gie mistoqsi mill-Avukat difensur ta’ l-appellanti dwar jekk hux solitu li jintuza dak it-tip ta’ injam *(chipboard),* hu wiegeb li jista’ jkollok fallakka hoxna fuq spazju twil u xorta ma tigix tajba. Hu qal li fl-ahhar mill-ahhar li jghodd hu kemm ikun armat sew (ara fol. 89).  F’dan il-kaz hemm qbil, u mhux kontestat, li x-xoghol fuq it-tarag ma kienx ghadu kompletat u kien ghad fadal xoghol x’isir kif gja` gie nnotat.

Ghal dina r-raguni wkoll lanqas ma jista’ jintlaqa’ l-aggravju ta’ l-appellanti li l-appellat ma qabbadx nies kompetenti biex jaghmlu l-armar li rrizulta ma kienx skond is-sengha u l-arti, u dana billi gie ppruvat li l-armar <u>ma kienx ghadu lest</u>. L-appellanti ma ppruvawx li l-appellat kien qabbad nies mhux tal-mestier; anzi jirrizulta li dawn in-nies kienu kompetenti u kien ilhom jagħmlu dan ix-xoghol għal diversi snin.

Il-Qorti tigi issa ghall aggravju l-iehor ta’ l-appellanti u cioe` li meta telqu l-haddiema ma kien thalla ebda sinjal jew avviz li kien hemm il-perikolu u biex in-nies ma jghaddux minn fuq dak l-armar.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant Francis Attard u anke ibnu, Tonio Attard, kienu ghaddew aktar minn darba minn fuq dana l-armar qabel ma gara dana l-incident. Fil-*process verbal* (fol. 141 *et seq*) hemm imsemmi li l-appellant u n-nies li kellu mieghu kienu ilhom tlett ijiem jimxu fuqu. L-appellant bhala persuna ta’ esperjenza twila bhala bajjad messu kien jaf li ma kellux jirfes fuq l-armar meta kien jidher car li dana ma kienx ghadu lest. La darba l-appellant kien jaf li armar thalla espost ghax-xita, aktar u aktar messu ma ghaddhiex minn fuqu.

L-appellant izda ghazel li jiehu riskju. Il-principju legali “*volenti non fit iniuria*”, fi kliem Charlesworth (“On Negligence”, 5th Ed., pagna 364), kif rakkolt fis-sentenza “Doreen Fenech –vs- Francis Agius”, Prim Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Marzu 1997, japplika meta wiehed “*freely and voluntarily with full knowledge of the nature and extent of the risk he ran impliedly agreed to incur it*”.

Fil-proces verbal gie ndikat ukoll li l-appellant u shabu kienu mdorrijin jahdmu f’ambjenti difficili u perikoluzi izda sfortunatament ma tantx kienu jaghtu importanza lill-mizuri tas-sigurta` fuq ix-xoghol, tant hu hekk li l-appellant ma kienx liebes *hard hat* imma beritta tac-caruta. Huwa lanqas kellu xi “harness” jew irbit iehor la meta kien qed jahdem u lanqas x’hin waqa’.

Dwar il-kwistjoni jekk l-appellant giex imwissi mill-haddiema ta’ l-appellat biex ma jghaddix minn fuq l-armar billi dana ma kienx ghadu lest u ghalhekk ma setax iservi bhala tarag jew bhala passagg, l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:

“Ġie allegat mill-impjegati tal-konvenut illi huma ndunaw illi l-attur u n-nies li kellu miegħu kienu qed jitelgħu fuq permezz ta' dan l-armar, u avżawhom illi dan ma kienx sod biżżejjed, imma ma tawx każ tagħhom. L-attur dan

jiċħdu, imma bħala persuna ta' ċertu esperjenza fix-xogħol tal-bini, dan kellu jinduna illi l-armar kif kien ma kienx sod biżżejjed biex jiflaħ l-irġiel telgħin u neżlin minn fuqu, ġieli anke mgħobbijin bl-għodod jew materjal ieħor".

Din il-Qorti taqbel li anke kieku kellu jigi accettat li fil-fatt li l-appellant ma giex imwissi biex ma jghaddiex minn hemm, hu kien ilu jahdem f'dan il-post, u bhal bniedem tal-mestier kien jaf li l-armar ma kienx lest, u li kien perikoluz, ukoll ghax kien imxarrab u jizloq. L-appellant kien jaf, jew messu kien jaf, li ma kellux ighaddi minn fuq xoghol ta' haddiehor specjalment meta dan ghadu mhux lest. L-appellat, min-naha l-ohra pprova li l-appellant kellu l-fallakki tieghu li kien qed jahdem bihom, kellu access iehor min fejn ighaddi, u ghalhekk ma kellux ghalfejn juza dak l-armar, izda nonostante dana ghazel li jiehu r-riskju u jghaddi minn fuq l-armar.
Ghalhekk ghal dana l-incident jahti biss l-appellant Francis Attard ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u l-appellat ma kellux tort lanqas fi grad ta' kontributorjeta`.

Ghaldaqstant hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi f'dan il-kaz ir-rikonsiderazzjoni ta' l-atti kollha processwali ma jistghux iwassluha ghal konkluzjoni diversa minn dik ta' l-ewwel Qorti.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' l-appell ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------